# Gerald Strickland progressiv tal

**Cesare Catania, *Strickland, Britain and the Vatican 1929-1932*, Agius and Agius, Malta 2011, ISBN**



Reċensjoni ta'
**Simon Mercieca**

Dan il-ktieb isegwi b'dettall l-istorja ta' Malta għal perjodu qasir ta' tliet snin, jiġifieri bejn l-1929 u l-1932, snin li kienu mqanqla sew f'pajjiżna iżda kienu wkoll is-snin li se jimmarkaw b'mod definittiv l-iżvilupp politiku ta' Malta.

L-awtur jitlaq l-analiżi tiegħu mil-lenti kritika tax-xjenza politika, qasam ta' studju li juża kriterji simili iżda mhux għalkollox l-istess ta' dawk użati mill-istoriċi. Biss forsi ħaġa importanti li seħħet u din iżżid fil-valur storiku u analitiku ta' dan il-ktieb, hu l-fatt li għadda ħafna snin minn meta dan l-istudju ġie ppreżentat bħala teżi fl-Università Kattolika ta' Milan għal meta ġie ppubblikat.

Normalment studenti jiġu skuraġġiti milli jippubblikaw it-teżi tagħhom ħafna snin wara li jkunu spiċċaw ix-xogħol ta' kitba fuqha sakemm ma jagħmlux riviżjoni dettaljata tax-xogħol tagħhom. Għalhekk tgħiduli, dan ix-xogħol mhuwiex ta' valur għaliex hu qadim u barra minn żmienu.

Iżda naħseb li f'dan il-każ il-kuntrarju ġara. L-ewwel l-awtur innifsu kien konxju ta' dan l-aspett diakroniku. Wara li spiċċa t-teżi, huwa baqa' jirriċerka dan is-suġġett. Fuq kollox, ħa vantaġġ mill-ftuħ ta' arkivji ġodda, fosthom dawk tal-Vatikan. L-awtur għalhekk fittex li jaġġorna r-riċerka tiegħu ħalli jagħti l-istampa kollha ta' dak li ġara matul dawn is-snin imqallba. It-tieni, il-fatt li hu ħalla dan ix-xogħol joqgħod wassal għal proċess ta' maturazzjoni.

L-awtur hu konxju li qed jikteb dwar suġġett delikat, dak dwar ir-relazzjonijiet politiċi bejn istituzzjonijiet li għadhom ħajjin u b'saħħithom u għalhekk ma xtaqx li jħalli xogħol li jista' jiġi manipulat għal skopijiet ulterjuri.

Fuq kollox, meta beda r-riċerka tiegħu, xi wħud mill-protagonisti, kif ukoll nies minn ta' dik l-epoka, kienu għadhom ħajjin. Hu kontinwament konxju li qed jikteb fuq suġġett sensittiv. Kitba li sseħħ minn bniedem li hu nnifsu kien sensittiv ħafna u ħaġa li hu qatt ma xtaq kienet dik li joffendi jew iweġġa' lil xi ħadd bil-kitba tiegħu. Biss kien konxju mill-bżonn li jobdi r-regoli tal-istorja, jiġifieri li jgħid il-fatti kollha.

M'hemmx dubju li s-suġġett magħżul mill-awtur, jiġifieri l-ġlieda politiko-reliġjuża tas-snin tletin, kellha importanza għalih personalment. Hu kien bniedem li għex ġlieda oħra reliġjuża, dik tas-sittinijiet. Kienet din il-ġlieda li żgur wasslitu biex jistudja dak li jista' jidher bħala dramm fi tliet atti, li beda fit-tletin, rajna t-tieni att tiegħu fis-sittin u forsi issa rajna l-konklużjoni jew it-tielet u l-aħħar att, bl-*anti climax* fil-kampanja tad-divorzju. Hi ħasra li l-awtur ma assistiex għal dan l-aħħar att għaliex ħalliena f'Jannar tal-2011.

### Xogħol ieħor ta' Catania

Cesare Catania kien ġa tana xogħol ieħor, rumanz ambjentat il-Ħamrun, il-post fejn hu trabba, li fih iddeskriva dan il-perjodu tas-sittinijiet. Dan ir-rumanz għandu valur lil hinn mil-letteratura għaliex żgur jista' jintuża mill-istoriċi minħabba l-qawsalla ta' aspetti li din il-ġlieda ġabet magħha. F'dan ir-rumanz, ir-relazzjoni tal-Knisja mal-politika ġiet trattata fuq kriterji letterarji.

Ma hemmx dubju li, kif wieħed jibda jaqra dan ir-rumanz, li anki l-isem tiegħu *It-Tarf* hu sintomatiku mal-messaġġ li xtaq iwassal, mill-ewwel jinduna fejn hija qalb l-awtur, jiġifieri s-simpatija tiegħu lejn Mintoff u t-tbatija li din il-ġlieda se ġġib magħha, speċjalment f'dawk li kienu jieħdu l-fidi bis-serjetà. Hi tassew ħasra li dan ix-xogħol mhu xejn magħruf.

Għalija dan l-aspett hu importanti għall-ktieb tal-lum. Kull kittieb u storiku, irid u ma jridx, jikteb l-istorja mill-pożizzjoni u l-bagalja kulturali tiegħu. Kull storiku hu vittma tas-sitwazzjoni tiegħu. Bħalma juri l-istoriku Ġermaniż Wilhelm Dilthey, fejn ix-xogħlijiet tiegħu qed ikunu rivalutati u l-ħsieb tiegħu beda jippenetra aktar u aktar id-dinja Anglo Sassona, l-istorja hi xjenza u l-ġrajja storika ssir valida biss meta r-riċerka ssegwi l-kriterji ta' metodoloġija xjentifika u tkun ibbażata fuq l-evidenza. Cesare jsegwi din il-prassi tal-iskola Tedeska kontinwament għaliex f'dan il-ktieb l-analiżi toħroġ mill-fatt u mhux il-fatt joħroġ mill-analiżi.

Qed ngħid dan għaliex nemmen li l-awtur irnexxielu jkisser kull barriera ta' preġudizzju biex joħroġ verament dak li ġara f'dik il-ħabta, mingħajr ma jkun relattiv jew aħjar selettiv jew sensazzjonali, anzi rnexxielu b'ċarezza kbira joħroġ il-kumplessità tal-protagonisti kollha b'mod ċar ħafna.

Għalhekk, meta wieħed jitlaq bil-qari ta' xi ktieb storiku, minn persuna ta' simpatija Soċjalista, bħalma kien Cesare Catania, wieħed jaħseb u forsi jistenna li se jsib persuna li se jaqra s-snin tletin minn xi lenti tal-kritika Marxista jew bħalma issa saret voga 'liberali', kelma li tfisser ħafna iżda f'Malta ma tfisser xejn anzi kontinwament tintuża ħażin.

Fuq kollox, il-Labour Party kien l-alleat ta' Strickland f'dan il-perjodu u għalhekk wieħed jistenna xi simpatija partikolari mill-awtur lejn dan il-politiku. Biss it-taħriġ professjonali li hu ħa u akkwista fix-xjenza politika wasslu biex jinża' minn kull ġibda jew influssi u jikteb mingħajr ma jaqa' fir-relattiviżmu storiku.

Għalhekk, naħseb li wieħed mill-aktar punti importanti li joħroġ minn dan il-ktieb hija dik tal-figura ta' Gerald Strickland li fuq kollox hu s-suġġett ta' din il-kitba. Matul il-kampanja tad-divorzju, kellna ħafna persuni li appuntaw lilhom infushom bħala storiċi u ppontifikaw ħafna dwar l-istorja politiko-reliġjuża ta' dan il-perjodu f'eżerċizzju propagandistiku waqt li ċerti edituri taw anki l-ispazju għal dawn il-kitbiet, maħsuba mhux biex issir ġustizzja storika iżda biex jintlaħqu miri oħra. Stickland ġejna nfakkra li kien vittma tal-Knisja minħabba li kien ġie skomunikat. Biss din hija d-dinja ġurnalistika. Riga differenti tuża l-ġustizzja storika.



Cesare Catania, l-awtur tal-ktieb

### Il-figura ta' Gerald Strickland

F'dan il-ktieb il-figura ta' Gerald Strickland ma toħroġ xejn tajba. Anzi Cesare Catania joħroġ figura totalment kerha anki jekk ifittex kontinwament biss isib sens ta' bilanċ lejn Strickland. Hawn wieħed irid jikkwantifika li Catania qed jikxef dokumenti li għal nies ta' żmienhom kienu mistura. Joħroġ ċar li l-Ingliżi ma kellhomx opinjoni tajba ta' Strickland. L-aġġettivi użati lejh mill-Ingliżi stess, bħal meta qalu li kien "a peculiar person" (p.85) ma tantx jitfgħu dawl sabiħ fuq il-personalità tiegħu.

Fuq kollox il-figura tiegħu tittappan kemm fuq livell internazzjonali, jiġifieri l-mod xejn diplomatiku li kien imexxi l-politika barranija tiegħu biex jilħaq il-miri, u kemm fuq livell lokali fejn kien wieħed mill-perċimes (anki jekk mhux waħdu) li ta n-nar lis-sitwazzjoni lokali. Għalhekk l-awtur imur lil hinn minn kitbiet oħra dwar Strickland ippubblikati fil-passat, fejn Strickland tpinġa kważi kważi li hu xi vittma tas-sagrifiċċju.

Catania juri li dan il-ġudizzju ma hu xejn storiku għax hu ma kienx qed ikun impinġi negattiv mill-għedewwa tiegħu biss iżda minn ħbiebu stess, jiġifieri minn ċerti partijiet tal-*establishment* Ingliż.

Fuq kollox, Catania jirnexxilu juri li l-persuna verament li kienet qed tagħti n-nar minn taħt, kienet dik ta' Augusto Bartolo, il-bniedem li kien imbotta lil Gerald Strickland biex jieħu pożizzjonijiet polemikużi fil-kwistjoni ta' Patri Guido Micallef li ntalab biex iħalli l-provinċja Maltija. Bartolo qies din it-tkeċċija bħala tpattija għaliex Micallef, flimkien ma' Patri Albert Grech, kienu diretturi ta' Każini Stricklandjani, jiġifieri tal-Belt u ta' Raħal Gdid rispettivament.

Tkun din il-kwistjoni li se tagħti l-bidu għall-ġlieda mal-Knisja u tilħaq il-quċċata bit-tneħħija tal-Kostituzzjoni tas-*Self Government*. Naħseb li studji aktar fid-dettall għad juruna li Strickland kważi kważi spiċċa pupazz ta' Bartolo. Naħseb li dan hu l-ewwel ktieb li joħroġ b'ċerta qawwa u anki b'perżwazzjoni storika il-karattru kumpless ta' dan il-politiku Stricklandjan.

Fuq kollox dan il-ktieb jantiċipa ġa d-dilemma li ser tispiċċa fiha l-Knisja lokali, versu l-pożizzjoni tal-qassisin fis-soċjetà. Sakemm il-qassisin kienu juru l-opinjoni politika ta' Strickland kienu qassisin tajba. Biss jekk se jesprimu l-opinjoni kuntrarja, se jkunu deskritti minn Strickland stess bħala ħżiena u li qed jindaħlu fejn ma jesagħhomx. L-istess kien qed jiġri fuq in-naħa l-oħra, jiġifieri dawk il-ftit qassisin jew patrijiet li kienu ma' Strickland kienu qed jiġu ddemonizzati anki jekk, f'każ minnhom l-affarijiet kienu aktar kumplessi.

**"Dan il-ktieb jittratta tliet snin ta' storja internazzjonali ta' Malta. Catania rnexxielu joħroġ lil Malta u jqegħidha fi sfond internazzjonali, jiġifieri fil-qafas tal-*Foreign Office* u l-*Colonial Office* Ingliż u l-Vatikan"**

# -apparenza?

**9789990991499, pp. 344**

**Ferita politika**

Il-pożizzjoni li jieħdu fil-politika, ż-żewġ patrijiet, Guido Micallef u Albert Grech, twassal biex tinfetaħ ferita politika. Catania jidħol fil-fond ta' dan il-każ u juri li waqt li kien hemm bażi politika dwar l-ordni li jingħata Micallef biex iħalli Malta, għaliex dan kien pro-Strickland, biss kien hemm raġunijiet moħbija għaliex l-Ingliżi stess jammettu li wara dan it-transferiment kien hemm kwistjoni ta' natura morali li tmur lil hinn minn problema tax-xorb li kellu dan il-patri.

Il-protagonisti l-oħra ta' din l-istorja huma l-kapijiet reliġjużi ta' dik il-ħabta, jiġifieri l-Arċisqof Mauro Caruana u Mikiel Gonzi li kien l-Isqof ta' Għawdex. Stampa totalment differenti toħroġ tal-Isqof Mauro Caruana f'dan il-ktieb, li normalment l-istorja ma tantx hija ħanina miegħu minħabba din il-kwistjoni ma' Strickland. Catania hu konvint dwar il-ġenwinità ta' dan l-Isqof li kien kollox barra animal politiku.

F'dan il-ktieb, Caruana joħroġ bħala mexxej spiritwali, kwiet, ta' fidi, u ħanin. Fuq kollox dan l-inkwiet politiku wasslu biex anki jitlef ċertu kontroll fuq il-kleru jew ir-rispett li kull isqof jistenna mill-kleru tiegħu lejh tant li kien se jkun it-tieni isqof matul il-perjodu Ingliż li jħalli l-katedra tiegħu. L-isqof li kien irreżenja kien Publio dei Conti Sant, li bħal Caruana, kien bniedem ta' spiritwalità u rettitudni kbira. Caruana kien bniedem li pprova jbiegħed lill-kleru mill-politika. Kif jgħid Catania, għal Caruana l-poplu kellu jara fil-qassis għalliem aktar milli avversarju politiku.

Fuq kollox meta jipprova jitkellem fuq il-protagonista l-ieħor, jiġifieri l-Isqof Gonzi, Catania jipprova jagħmel ġudizzju ekwu fuqu. Meta d-delegat appostoliku Mons. Pascal Robinson għamel żjara uffiċjali f'Malta, fl-1929-1930, hu spiċċa għamel żewġ rapporti: wieħed dwar Strickland u l-ieħor dwar l-istat tal-Knisja. Mons Robinson kien kritiku ħafna ta' Strickland. Biss meta dan ir-rapport ta' Mons. Robinson jinqara fid-dawl tar-rapport l-ieħor, li kixef Catania, jiġifieri x'qal Mons Robinson dwar l-istat tal-Knisja, allura x'kiteb Robinson isir aktar oġġettiv għaliex f'dan it-tieni rapport, Mons Robinson ma beżax ikun kritiku tal-Isqof ta' Għawdex, Mikiel Gonzi.

Għal Robinson, Gonzi kien bniedem żgħir fl-età u abbli iżda vanituż u jfittex l-ambizzjonijiet politiċi u l-interessi tal-familja tiegħu. Catania jmur lil hinn minn din l-affermazzjoni, anzi kważi jaraha bħala offiża għall-memorja ta' Gonzi u jagħmillu apoloġija permezz ta' analiżi tal-ħajja pubblika tiegħu, speċjalment il-ġid li hu għamel lid-djoċesi wara li sar Isqof ta' Malta. Qatt fl-istorja tal-Knisja f'Malta ma kien hemm isqof li għamel tant azzjonijiet favur il-ġid komuni tal-Knisja (u anki dik tas-soċjetà Maltija) daqs l-Isqof Gonzi. (pp. 290-291).

Fuq kollox, Catania jmiss aspetti oħra tal-politika Maltija li s'issa għadhom ma ġewx diskussi, jiġifieri d-dħul bil-mod tal-massonerija (mhux aktar dik Ingliża) iżda dik lokali u l-influwenza tagħha fil-politika. Tidher ċar li ġa kienet preżenti fil-partiti l-kbar f'dan il-perjodu, kif ukoll aspett (li 'l quddiem se jurta ħafna lil-Laburisti speċjalment fis-snin sittin), jiġifieri ċerti elementi jew esponenti fil-Partit Nazzjonalista li jużaw ir-reliġjon bħala paraventu għax għal dawn it-talin, ir-reliġjon kienet biss xi ħaġa superfiċjali.

Fuq kollox, dan il-ktieb jittratta tliet snin ta' storja internazzjonali ta' Malta. Catania rnexxielu joħroġ lil Malta u jqegħidha fi sfond internazzjonali, jiġifieri fil-qafas tal-*Foreign Office* u l-*Colonial Office* Ingliż u l-Vatikan. Kien żmien fejn l-Italja Liberali, jew aħjar Giolittjana, kienet mietet u ndifnet. Kien żmien fejn żewġ ideoloġiji, jiġifieri dik Soċjalista u dik Marxista, ġew imwaħħda flimkien biex ħolqu l-kultura Faxxista fl-Italja u ftit tas-snin wara ġabu lill-Partit Nazzjonalista-Soċjalista fil-poter fil-Ġermanja.

**Strickland u Gonzi**

Cesare Catania jurina l-biża' tal-Ingliżi lejn l-Patti Lateranensi, li bihom il-Vatikan reġa' ħa l-istatura ta' Stat Sovran bil-ftehim milħuq ma' Mussolini dwar klawsoli sigrieti għal Malta u t-Tuneżija, li kienu infondati. Inċidentalment, fit-Tuneżija kien hemm komunità qawwija Maltija u bħalma wriet Michèle Muscat, fi ktieb li għadu kif ġie ppubblikat fi Franza, din il-komunità kellha biss lill-Knisja fuq xiex isserraħ għaliex l-Ingliżi ma kienx jimpurtahom minnha. Gerald Strickland emmen ħafna f'din il-*conspiracy theory* u naħseb li kkonvinċa mhux biss l-Ingliżi iżda l-avversarji politiċi tiegħu bl-eżistenza tagħha u forsi din kienet ir-raġuni vera għal dan l-inkwiet kollu bejn il-Knisja u Stat fit-tletin.




Il-faċċata tal-ktieb 'Strickland, Britain and the Vatican – 1929-1932'

Fuq kollox, jekk kien hemm persuna li ħa juri kemm kien żballjat Strickland, dan mhu ħa jkun ħadd ħlief l-Isqof Mikiel Gonzi, għaliex meta l-Italja tidħol fi gwerra, hu kien il-perċimes li jitfa' d-djoċesi Maltija wara l-Ingliżi u allura kontra Mussolini u t-Taljani. Gonzi jipprova li Strickland kien totalment żbaljat, fatt li jirrikonoxxuh l-Ingliżi nfushom, billi japprovaw li jsir Isqof ta' Malta, jagħmlu lil dan il-personaġġ 'Sir', jagħtuh l-unuri militari waqt li l-familja ta' Strickland stess, prinċipalment it-tifla ta' Gerald, Mabel, issir l-ikbar alleat tal-Isqof Gonzi fil-ġlieda kontra Mintoff. Biss din hija storja oħra li tmur 'il barra mill-parametri li studja Catania.

M'hemmx dubju li permezz ta' dan il-ktieb, Cesare Catania rnexxielu jagħti lettura ġdida *lill-istorja politika* ta' dan il-perjodu fejn irnexxielu jitfa' dawl ġdid fuq interessi oskuri u okkulti li bdew jiżviluppaw fil-politika partitika Maltija.

Dan hu ktieb li wieħed għandu jaqra għaliex jgħin biex wieħed jifhem sew dan il-perjodu, jista' jifhem aħjar il-protagonisti involuti u l-azzjonijiet meħuda, kemm mill-Knisja u mill-politiċi tagħna, waqt li jirrappreżenta l-veru bidu tas-sekularizzazzjoni tas-soċjetà Maltija.

**"Permezz ta' dan il-ktieb, Cesare Catania rnexxielu jagħti lettura ġdida lill-istorja politika ta' dan il-perjodu... Dan hu ktieb li wieħed għandu jaqra..."**

MIGRATE
a wave of hope for marine life.

NOTICE TO VOLUNTEERS

The Environment Protection Directorate together with Kai Marine who are responsible for the scientific surveys of this EU LIFE+ MIGRATE Project (LIFE 11 NAT/MT/1070) are resuming studies initiated last year on the status of the population of the loggerhead turtle (il-fekruna tal-baħar) and the bottlenose dolphin (id-denfil ta' geddumu qasir) in Maltese waters.

Anyone interested in volunteering and helping in the project's data collection is welcome to send their contact details by email: life.migrate@mepa.org.mt or by phone: 2290 7108 or 2290 7316 during office hours.

Interested volunteers will receive free training on how to identify the different species when out at sea, a quarterly newsletter with updates on the project and a certificate for the support offered.

BOV Bank of Valletta · MEPA · NATURA 2000